MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 649/2003

**Avril Buhagiar**

**vs**

**Kurt Gatt u Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Marzu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati ihallsu lill-attrici is-somma ta' mija u sebgha u erbghin Liri Maltin (Lm147.00) rapprezentanti danni kkagunati f'incidenti awtomobilistiku tad-29 ta' Settembru 2001 fi Triq il-Wileg, Qawra, San Pawl il-Bahar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAW 596, proprieta' ta' l-attrici, u misjuqa minn Giovanni Demicoli, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TON 214 misjuqa minn Kurt Gatt, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut Kurt Gatt u/jew tal-passiggier fil-vettura tieghu, il-konvenut Anthony Borg, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas

ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghhom jew min minnhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ Settembru 2002 kontra l-konvenuti u dawk ta’ l-ittra ufficjali ipprezentata mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax legali mid-9 ta’ Settembru 2002 kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma deherux u lanqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Daniela Mangion in rappresentanza tal-attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici s-somma ta’ mija sebgha u erbghin Liri Maltin (Lm147.00), bl-imghax legali kif mitlub.

L-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ Settembru 2002 u dawk ta’ l-ittra ufficjali ipprezentata mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------